



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7233/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0054(NLE)

PECHE 100

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 104 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 104 final.

Mehmuż: COM(2019) 104 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2019
COM(2019) 104 final

2019/0054 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni
tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni waqt laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) għall-perjodu 2019-2023 b'rabta mal-adozzjoni ppjanata ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

Il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (il-Konvenzjoni NEAFC) għandha l-għan, billi tistabbilixxi n-NEAFC, li tiżgura konservazzjoni u utilizzazzjoni ottima fit-tul għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ("iż-żona regolatorja"). Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1982 u ġiet emendata fl-2004 u fl-2006. Għalkemm l-emendi tal-2004 u tal-2006 formalment daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Ottubru 2013, ġie miftiehem (bi qbil mad-Dikjarazzjoni ta' Londra) li għandhom jiġu implimentati fuq bażi provviżorja mill-adozzjoni tagħhom.

L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni NEAFC, wara li approvatha f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE¹. L-emendi tal-2004 u tal-2006 ġew approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE².

2.2. Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal

In-NEAFC huwa l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni NEAFC biex ikun responsabbli għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona regolatorja. Dan jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżgura l-utilizzazzjoni ottima tar-riżorsi tas-sajd taħt l-ambitu tiegħu.

Bħala membru tal-NEAFC, l-Unjoni għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' votazzjoni. In-NEAFC tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti.

2.3. Deċiżjonijiet tal-NEAFC

L-NEAFC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha u dawn huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

F'konformità mal-Artikolu 12(1) u (2) tal-Konvenzjoni tan-NEAFC, il-miżuri jistgħu jidħlu fis-seħħ 80 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu nnotifikati bihom min-NEAFC. Partijiet kontraenti li joġġezzjonaw għal miżura fi żmien 50 jum milli jiġu nnotifikati mhumieq marbutin b'dik il-miżura. Meta aktar minn terz tal-partijiet kontraenti jissottomettu

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-approvazzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni dwar il-koperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni rigward is-Sajd fl-Grigal tal-Atlantiku, li jippermettu l-istabbiliment ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' disputi, l-estensjoni tal-ambitu tal-Konvenzjoni u revizzjoni tal-għanijiet tal-Konvenzjoni (ĠU L 184, 16.7.2009, p. 12).

oġġezzjoni, il-kumplement tal-partijiet kontraenti mhumiex obbligati jimplimentaw il-miżura kkontestata.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (l-RFMOs) hija stabbilita, attwalment, skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għan-NEAFC, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 9451/1/14 REV 1 tad-19 ta' Mejju 2014, li tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fin-NEAFC għall-perjodu 2014-2018. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis ukoll, sa fejn hu possibbli, l-ispeċifikitajiet tal-NEAFC. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni sena b'sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1 tipprovdi għal reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2019. Għalhekk, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fin-NEAFC għall-perjodu 2019-2023, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1.

Id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-politika komuni tas-sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS⁴. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti tas-sajd, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għall-plastik fl-ekonomija ċirkolari⁵, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà u l-Kummissjoni dwar Il-Governanza tal-Oċeani Internazzjonali: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna⁶ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Kongunta⁷.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 tat-28.12.2013, p. 22).

⁴ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁵ COM(2018) 28 finali, 16.1.2018.

⁶ JOIN(2016) 49 finali, 10.11.2016.

⁷ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati fisem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

"Atti li jkollhom effetti legali" jinkludu atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tal-liġi internazzjoni li jirregolaw il-korp in kwistjoni, u l-istrumenti li m'għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE"⁸.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

In-NEAFC hija korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni NEAFC.

L-atti li n-NEAFC hi mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn se jkunu vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni NEAFC u huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU)⁹;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd¹⁰; u
- Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹¹.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni NEAFC.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu

⁸ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

⁹ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹⁰ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹¹ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk dak l-att ikollu żewġ għanijiet jew għandu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi legali għall-istabbiliment tal-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1, li tkopri l-perjodu 2014-2018.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981¹², l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni NEAFC, li stabbilixxiet il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). L-emendi tal-2004 u l-2006 lill-Konvenzjoni NEAFC ġew approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE tal-5 ta' Marzu 2009¹³. L-emendi formalment daħlu fi-seħħ fid-29 ta' Ottubru 2013 għalkemm, skont id-Dikjarazzjoni ta' Londra, ġie miftiehem li l-emendi kellhom jiġu implimentati fuq bażi provviżorja mill-adozzjoni tagħhom, sakemm jidħlu fis-seħħ.
- (2) In-NEAFC hija responsabbli mill-adozzjoni ta' miżuri ddisinjati biex jiżguraw konservazzjoni u utilizzazzjoni ottima fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC ("iż-żona regolatorja"). Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta'

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

¹³ ĠU L 184, 16.7.2009, p. 12-15.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar Il-Governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna¹⁵, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni kongunta¹⁶, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw u jtejbju l-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza tagħhom, hija ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari¹⁷ tirreferi għal miżuri speċifiċi sabiex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun il-baħar tal-irkaptu tas-sajd.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tan-NEAFC għall-perjodu 2019-l-2023, u li titħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NEAFC ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹⁸; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹⁹; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰;
- (7) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tan-NEAFC hija stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 9451/1/14 REV 1²¹. Huwa xieraq li titħassar id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1 u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2019-2023

¹⁵ JOIN(2016) 49 finali tal-10.11.2016.

¹⁶ 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.

¹⁷ COM(2018) 28 finali, 16.1.2018.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC).

- (8) Fid-dawl tan-natura li dejjem qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona Regolatorja u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tan-NEAFC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena għall-perjodu 2019-2023.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-NEAFC għandha titwettaq f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-NEAFC fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 9451/1/14 REV 1 tad-19 ta' Mejju 2014 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President